MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1165/2010

**Vodafone Malta Limited
C-10865**

**vs**

**Bugeja Claudia
I.D.193285(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hmistax-il Ewro centezmu (€1,524.15), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (skond rendikont anness ma’ l-avviz tat-talba u mmarkat bhala Dok A).

Il-konvenuta interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontro l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' elf hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hmistax-il Ewro centezmu (€1,524.15), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------